MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2641/2002

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC gja Guardian Royal Exchange pls kif surrogate fil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Brigitte Veneziano Broccia u l-istess Brigitte Veneziano Broccia f'isimha proprju**

**vs**

**Carmel Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Jannar 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm624.39) danni imhallsa mill-atturi fuq il-vettura DAI-697 in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 t'Awissu, 2002, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura FBY-669 u habit mal-vettura DAI-697 propjeta` ta' Brigitte Veneziano**

**Broccia u ghall-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli. L-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni kif fuq spjegat wara dikjarazzjoni tal-htija tal-konvenut u konsegwentement kundanna ta' hlas;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenutipprezentata mal-avviz, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Steve Conti ghas-socjeta` attrici li esebixxa d-dokumenti rigwardanti d-danni li sofriet l-attrici.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm624.39) bl-imghax legali dekoribbli mid-9 ta' Ottubru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------